**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 9 ta' April , 2019

Rikors Guramentat numru : 181/18 AL

A B
Vs
C D

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur, li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

1. Illi r-rikorrent izzewweg civilment lill-intimata nhar l-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012), u dan skont ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument « A » ;
2. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali talhajja mizzewwga.

3. Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien ukoll vizzjat billi kien hemm l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga.
4. Illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19 (1)(d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta), u kif ukoll skont lartiklu 19A tal-istess Kap.

Talab ghar-ragunijiet premessi li l-konvenuta tghid ghaliex din ilQorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ilkontendenti li gie celebrat fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) huwa null u bla effett ghal dawk ir-ragunijiet kif hawn fuq spjegat u skont lartikoli tal-ligi citati;

Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ngunta ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat illi l-konvenuta, minkejja illi ġiet debitament notifikata[1] bir-rikors ġuramentat u l-avviż tas-smigħ tal-kawża, ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għaldaqstant hija kontumaċi, kif hekk ġie ddikjarat fl-udjenza tal-10 ta' Ottubru 2018[2];

Rat l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavit tal-attur;

---

[1] Fis-16 ta' Awwissu 2018, riferta fol. 5;
[2] Verbal fol. 8;

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Din il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn lattur u l-konvenuta, li ġie kkontrattat nhar l-erbgħa u għoxrin (24) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012)[3], jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[4].

PROVI

Il-fatti[5] tal-każ in eżami, in suċċint huma s-segwenti:

1. Il-partijiet iltaqgħu fis-sena 2000 meta kienu jiffrekwentaw l-istess grupp. Kienu jieħdu pjaċir bilkumpanija ta' xulxin u għalhekk baqgħu jiltaqgħu regolarment u saħansitra introduċew lil xulxin malġenituri rispettivi tagħhom.

2. Wara sena li kien ilhom jafu lil xulxin, ħadu l-aħbar illi kien ser ikollhom l-ewwel tarbija tagħhom u kienu ferħu b'din l-aħbar għaliex kienu komdi flimkien firrelazzjoni tagħhom. L-attur kien jassisti lill-konvenuta għall-

[3] Ċertifikat taż-żwieġ relattiv esebit, fol. 3;

[4] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta;

[5] Dawna jirriżultaw mill-affidavit tal-attur fol. 11.

appuntamenti tat-tabib u fil-bżonnijiet tagħha fittqala sakemm fl-11 ta' Novembru 2002 twieldet ittarbija, tifel illi semmew Craig.

3. Xahrejn wara, l-attur ġie kostrett isiefer fuq xogħol għal disa' xhur. Minkejja li ma kienx kuntent b'dan, huwa ma kellux alternattiva oħra. Il-konvenuta telgħet miegħu Londra bil-minuri iżda damet biss xahrejn.
Għalhekk ir-rimanenti sitt xhur kien waħdu u kien żmien diffiċli għalih li ma setax jara lil ibnu.

4. Meta ġie lura Malta, minkejja l-isforzi tiegħu dam sena sabiex sab impjieg ġdid. F'din is-sena, huwa għamel xogħolijiet meħtieġa f'post li l-ġenituri tiegħu kellhom fil-Birgu, bil-ħsieb li jibdew jgħixu fih bħala familja, kif fil-fatt għamlu.

5. Wara sena, huwa kien sab impjieg għalkemm b'paga minima biss. Il-konvenuta ma kinitx taħdem iżda kienet tipperċepixxi l-benefiċċji soċjali. Hija ħarġet taħdem bħala *casual worker* meta Craig kellu sentejn.

6. Jiddeskrivi li f'dan iż-żmien bdew jinqalgħu l-argumenti bejniethom billi C xtaqet tibqa' toħroġ u tiddeverti filpostijiet tad-divertiment bħal meta kienu għadhom filbidu. Hu ma kienx tal-istess fehma. Biex joħorġu kienu jħallu li Craig warajhom mal-ġenituri tal-attur.

7. Fit-13 ta' Mejju 2008, huma kellhom it-tieni tarbija tagħhom li semmewha Gwen. Minkejja dan, irrelazzjoni ta' bejniethom xorta waħda baqgħet sejr lura. C baqgħet tinsisti li joħorġu jiddevertu filwaqt li lattur kien

tal-fehma li jqattgħu iktar ħin m'uliedhom. Anke mil-lat finanzjarju, ma kienux qegħdin ilaħħqu u b'hekk ma kienx possibbli li joħorġu jiddevertu.

8. Il-post tal-Birgu kien żgħir għal erba' min-nies u għalhekk l-attur kien jixtieq li jixtru propjeta` flimkien iżda C qatt ma qablet u lanqas kienet titħajjar tmur miegħu jaraw xi postijiet. Għalhekk l-attur kien waħdu daħal għall-konvenju fuq post f'Ħaż-Żabbar liema konvenju kien sfaxxa għaliex il-kumpanija venditriċi falliet.

9. Xi tliet snin wara ddeċieda li jixtri appartament fixXgħajra. Ma kienx possibbli li waħdu jissellef l-ammont li kien jeħtieġ ta' €144,000 u għalhekk irnexxielu jikkonvinċi lil C sabiex tibda taħdem b'mod fiss u jixtru dan il-post flimkien. Id-depożitu kien tħallas wara li lattur irċevieh mingħand il-ġenituri tiegħu.

10. Sadattant C qatt ma kienet titkellem dwar il-futur tagħhom jew dwar iż-żwieġ. Hija kienet għadha tinsisti li jibqgħu jgħixu l-istess stil ta' ħajja ta' divertiment u għalhekk lanqas l-attur ma kien jitħajjar ikellimha dwar żwieġ.

11. Madankollu, bejn il-konvenju u l-kuntratt, hija bdiet tagħmillu pressjoni qawwija biex jiżżewġu kemm jista' jkun malajr għaliex qaltlu li kienet iddejqet li kunjomha mhux bħal tat-tfal. Fil-fatt, qabel ma ffirmaw il-kuntratt C għamlet l-arranġamenti kollha sabiex jiżżewġu. Qaltlu li jekk mhux ser jasal li jidħol f'relazzjoni matrimonjali, hija ma kinitx lesta li tersaq fuq il-kuntratt tal-akkwist tal-

propjeta` u b'hekk l-attur kien jitlef dak kollu li ħallas u cioe ċirka €40,000. Iktar tard sar jaf illi

C riedet illi huma jiżżewġu għaliex kienet tal-impressjoni li biż-żwieġ hija setgħet tikseb xi dritt fuq id-depożitu li kien għamel l-attur għax-xiri tal-propjeta.

12. Effettivament il-partijiet iżżewġu fl-24 ta' Marzu 2012 u ffirmaw il-kuntratt tal-akkwist tal-propjeta` fit-12 ta' Mejju 2012.

13. Minkejja li daħlu għar-rabta taż-żwieġ, C riedet tibqa' tgħix il-ħajja tad-divertiment. Wara tliet xhur miż-żwieġ, l-attur induna li martu kienet f'relazzjoni ma' raġel ieħor li jismu Alan Zammit u li kien kollega tagħha taxxogħol. Preżentement, il-partijiet huma legalment separati minn xulxin.

14. L-attur isostni illi minkejja li daħlu għaż-żwieġ b'mod mgħaġġel, huwa kien dispost li jaqdi d-dmirijiet li kellu bħala raġel tal-familja u missier, iżda C ma kellhiex listess fehma tiegħu.

Il-Qorti sfortunatament lill-konvenuta ma semgħethiex, għaliex kif ġja intqal hija għażlet illi ma tirrispondix għall-kawża. Illi għalhekk, il-Qorti qed tanalizza l-verżjoni tal-fatti unikament millottika tal-attur.

PRINĊIPJI LEGALI

F'dan l-istadju, l-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(d) u

19(1)(f) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***-omissis-***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

***-omissis-***

***(f) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb blesklużjoni pożittiva taż-żwieġ innifsu, jew ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, jew taddritt għall-att taż-żwieġ;***

Illi l-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt lArtikolu **19(1)(d)**.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew lelementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' immaturita' li parti jew oħra fiżżwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda

jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih ilpartijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm filpreżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik ilmaturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi lkunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt tażżwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[6]

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente*

---

[6] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

*alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[7]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole'*[8]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta*

---

[7] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[8] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fiddeċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP);

*interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [8]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[9]

Il-Qorti tirrileva li sabiex tiġi milqugħa talba għal dikjarazzjoni ta' nullita' taż-żwieġ msejsa fuq l-**artikolu 19(1)(f)**, irid jiġi neċessarjament provat li xi wieħed mill-partijiet, jew it-tnejn, għamel simulazzjoni totali jew parzjali tal-kunsens tiegħu jew tagħha.

Illi kif ġie spjegat minn din il-Qorti fil-każ Alfred Tonna vs. Maria Tonna[10]**,** *"ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-għoti talkunsens matrimonjali parti jew oħra (jew it-tnejn) esternament*

---

[8] Bersini Francesco*,* Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994;

[9] Viladrich, Pedro Juan, Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe. mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM);

[10] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (VDG), 31 ta' Jannar 1996;

*turi li qed tagħti l-kunsens matrimonjali iżda nternament u b'att pożittiv tal-volonta' tagħha tkun qed tiċħad il-kunsens għal dak iż-żwieġ (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pożittiv talvolonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali għaż-żwieġ (simulazzjoni parzjali)".*

Illi meta wieħed jitkellem dwar l-esklużjoni taż-żwieġ jew wieħed mill-elementi essenzjali tiegħu, wieħed irid jifli jekk ilkontendenti jew wieħed minnhom, allavolja hu kapaċi jagħti kunsens validu għaż-żwieġ, pero' bl-atti tiegħu qabel u fil-ħajja miżżewġa, jew bl-ommissjoni tiegħu, eskluda *a priori* ċertu obbligi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, cioe', issimula l-kunsens tiegħu totalment fejn eskluda *a priori* ż-żwieġ, jew inkella fejn waqt il-kunsens hu jew hi eskludew xi waħda jew aktar millelementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa, u cjoe' saret simulazzjoni parzjali.[11]

Illi taħt l-artikolu 19(1)(f) trid issir distinzjoni ċara bejn żwieġ li jfalli minħabba ċirkostanzi li jirriżultaw waqt iż-żwieġ, u żwieġ li jfalli għax xi wieħed mill-partijiet minn qabel ma ta l-kunsens tiegħu, kien ġja' mentalment dispost li ma jottemprax ruħu ma' xi waħda jew aktar mill-obbligi matrimonjali. Fl-ewwel ipotesi hemm ir-raġunijiet li jagħtu lok għal separazzjoni u fit-tieni ipotesi hemm l-estremi tal-annullament.[12]

Illi għar-rigward tas-**simulazzjoni totali**, il-Qorti fil-każ Bonnici vs. Bonnici[13] qalet illi biex ikun hemm simulazzjoni totali irid jiġi ppruvat li l-*finis operis* taż-żwieġ ġie effettivament eskluż millvera rieda ta' parti jew oħra, għalkemm formalment tkun seħħet iċ-

---

[11] Sharon Lanzon vs. Francis Attard - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 15 ta' Marzu 2000;

[12] Ali Chahid vs. Mary Spiteri - Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta' Ġunju 2002 (Ċitaz: 1733/01RCP);

[13] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Lulju, 1982 – kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

ċelebrazzjoni taż-żwieġ. Il-Qorti f'deċiżjoni oħra tagħha qalet illi jekk tmur għaċ-ċerimonja tat-tieġ u internament tissostitwixxi l-idejat tiegħek fuq x'inhu żwieġ jew inkella xort' oħra teskludi lveru kunċett taż-żwieġ, hi forma ta' simulazzjoni totali.[14]

Illi mbagħad fil-każ Anna Galea vs. John Walsh[15], il-Qorti spjegat is-simulazzjoni bħala *"meta l-atti, ġesti jew kliem esterni ma jikkorrispondux għall-kunsens intern li jkun ingħata"*.

Fil-każ Muscat vs. Borg Grech[17] il-Qorti spjegat is-simulazzjoni totali f'dawn il-kliem:- *"għalhekk min esternament ikun wera li qed jagħti l-kunsens matrimonjali iżda ikun internament u b'att pożittiv tal-volonta' tiegħu qed jiċħad il-kunsens għal dak iżżwieġ ikun qed jissimula l-kunsens tiegħu".*

Illi meta niġu għas-**simulazzjoni parzjali** dina tfisser lesklużjoni pożittiva ta' xi wieħed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-ħajja miżżewġa. L-Att dwar iż-Żwieġ ma jagħtix definizzjoni ta' x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, iżda mill-ġurisprudenza kostanti tagħna l-elementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa huma lunjoni permanenti, esklussiva u irrevokabbli, diretta għallkomunjoni ta' ħajja u prokrejazzjoni u t-trobbija tal-ulied.

Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-każ Abdel Wahed vs. Dr. Yana Micallef Stafrace et. noe.[16] elenkat l-elementi essenzjali tażżwieġ

---

[14] Cali vs. Dr. Albert S. Grech – Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 22 ta' Ġunju 1988– kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[15] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Marzu, 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP); [17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 14 ta' Awissu 1995, kif rapportata f' Emanuel Walter Vella vs. Mona Lisa Vella, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 1 t'Ottubru 2002 (Ċitaz. 801/1996RCP);

[16] Irrappurtat bħala C vs. D, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (FD), 14 ta' Lulju 1994;

bħala l-kommunjoni tal-ħajja konjugali, l-indissolubilta' tar-rabta taż-żwieġ, id-dritt għall-fedelta' u d-dritt għallprokrejazzjoni ta' l-ulied. L-istess elementi ġew ikkonfermati wkoll fil-kawżi Grech vs. Grech[17] u Aquilina vs. Aquilina[18][19].

Din il-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Atkins Charles vs. Atkins Matilde[20] fejn ġie ritenut li "*rigward x'inhuma l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ, dawn huma dawk lelementi li dejjem ġew ritenuti bħala l-obbligazzjonijiet tal-ħajja miżżewġa u cjoe` dik ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli, diretta għal komunjoni ta' ħajja u l-prokreazzjoni u t-trobbija ta' l-ulied. Tant illi għalhekk jekk xi waħda mill-partijiet ma jkollhiex il-kapaċita' kollha biex tassumi dawn id-dmirijiet, iżżwieġ li jiġi hekk kreat ma jistax ikun wieħed validu*....*Teżisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss waħda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jiġi stabbilit iż-żwieġ bħal per eżempju, l-esklużjoni tal-prokreazzjoni u trobbija ta' lulied, jew l-esklużjoni ta' l-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-oħra*".

## APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tad-difett serju ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju u tas-simulazzjoni tal-kunsens, il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fiddawl tal-provi miġbura.

---

[17] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 9 t' Ottubru 1990 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[18] Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 30 ta' Jannar 1991 - kif rapportata f'Mifsud Carmelo sive Charles vs. Mifsud Anna nee Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru

[19] (Ċitaz. 2469/1997RCP);

[20] Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), 2 t'Ottubru 2003 (Ċitazz: 1264/1997RCP);

Illi dwar in-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju li seta' vvizzja lkunsens tal-intimata, jirriżulta ampjament ippruvat illi din ma fehmitx l-obbligi li jġib magħhom iż-żwieġ. Elementi li ċertament jimmilitaw favur in-nullita` taż-żwieġ tal-partijiet għab-bażi tannuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju tal-konvenuta, huma l-qosor tal-konvivenza matrimonjali bejn il-partijiet li damet biss ftit xhur, kif ukoll il-ħeffa li biha ddeċidew li jiżżewġu u għamlu dan malajr fir-Reġistru Pubbliku. Jirriżulta illi fi żmien tliet xhur miż-żwieġ, ilkonvenuta kienet f'relazzjoni ma' raġel ieħor. Din l-allegazzjoni tal-attur bl-ebda mod ma ġiet minnha ikkontestata.

Inoltré, anke qabel ma daħlu għar-rabta taż-żwieġ, il-konvenuta kienet dejjem tinsisti fuq ħajja ta' divertiment daqs li kieku ma kellhiex id-dmirijiet lejn uliedha. Kienet tinsisti fuq ħruġ bla xkiel u mingħajr it-tfal, mhux darba kultant, iżda kontinwament b'dana illi l-attur stess kien jinsisti li jikkonċentraw iktar fuq it-tfal milli fuq il-ħruġ u d-divertiment. Dan l-atteġġjament ma nbidilx wara ż-żwieġ u l-attur jispjega li anke wara ż-żwieġ riedet tibqa' tgħix l-istess stil ta' ħajja li kellhom meta l-koppja kienu għadhom għarajjes u mingħajr tfal.

Fuq kollox, il-konvenuta ssuġġeriet illi jiżżewġu u bdiet tinsisti mal-attur għaż-żwieġ sempliċiment minħabba l-premessa li setgħet tikseb xi benefiċċju finanzjarju jekk jidħlu għar-rabta taż-żwieġ. L-intenzjoni tagħha ma kinitx illi r-rabta li kellha għal snin qabel mal-attur, issir waħda permanenti u dejjiema, iżda sempliċiment li jekk jinfirdu tkun tista' tgawdi mid-depożitu mħallas fuq l-akkwist tal-post. Dana jindika li mhux talli lintimata ma kinitx qiegħda tħares lejn iż-żwieġ bħala rabta unika u

dejjiema, iżda kienet qiegħda taħseb biex mal-ħall tarrelazzjoni tagħha mal-attur, hija toħroġ b'somma żgħira ta' flus.

Għaldaqstant il-Qorti hija sodisfatta li fil-mument tal-għoti talkunsens, il-kunsens tal-konvenuta kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq iddrittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha. Huwa ċar u manifest illi l-konvenuta ma fehmitx illi ż-żwieġ huwa għaqda dejjiema li tirrikjedi impenn lejn ħajja komuni u fedelta`. Dan huwa każ klassiku ta' kif il-konvenuta fil-mument tal-kunsens kienet afflitta minn immaturita' dwar l-obbligi reċiproċi taż-żwieġ u minn nuqqas assolut t'impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur.

Dan premess u kkunsidrat, din il-Qorti hija tal-fehma li t-talba tal-attur hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

**DEĊIDE**

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba tal-attur, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attur u l-konvenuta fl24 ta' Marzu 2012 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 talLiġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ bejn il-kontendenti.

Bl-ispejjeż jiġu ssopportati interament mill-konvenuta.